MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1602/1998/1

**Avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi bhala mandatarju specjali ta' Malcolm Cork, stralcarju a' Quickace Limited u a nom tal-istess socjeta**

**Vs**

**Dr Edwina Chetcuti u PL Rose Sicberras b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1998 gew nominati kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti Wayne Martin Robinson u Keri Jane Robinson, martu u b'digriet tas-6 ta' Frar 2007 il-kuratur deputat giet sostitwita bil-kuratur deputat Dr Richard Sladden u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2010 il-qorti rrevokat contrario imperio id-digriet tas-6 ta' Frar 2007 u b'digriet tas-16 ta' Novembru 2011 il-qorti hatret lill-avukat Dr Henry Antoncich bhala kuratur deputat tal-konvenuti**.

Fid-29 ta' Lulju 1998 l-attur ipprezenta citazzjoni fejn talab li jigi dikjarat li:-

1. is-somma ta' Lm16,000 tappartjeni lill-attrici u li minnha s-somma ta' Lm12,000 ghadha dovuta minn Carmel Xerri.
2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm16,000.

Il-kaz jikkoncerna x-xiri ta' appartament. L-attrici tippremetti li kienet tat lill-konvenuti s-somma ta' Lm21,372 ghax-xiri tal-fond, bhala investiment, f'Ghawdex. L-attrici ppremettiet li bil-flus il-konvenuti kienu xtraw l-appartament 2, fl-ewwel sular, Vanrie Court, Triq Barda, Marsalforn, Ghawdex bil-prezz ta' Lm15,000 skond kuntratt tas-26 ta' Jannar 1995 pubblikat min-nutar Dr Enzo Dimech, flimkien mal-mobbli ghas-somma ta' Lm3,500[1]. Il-fond nbiegh b'kuntratt tat-3 ta' Gunju 1996 ghall-prezz ta' Lm16,000, li minnhom ghad trid tithallas is-somma ta' Lm12,000. B'ittra datata 11 ta' Jannar 1996 (fol. 12) il-konvenuti kkonfermaw li l-fond fuq imsemmi:-

*"We confirm the property is beneficially owned by Quickace Limited and we merely hold the property in trust for Quickace Limited.*

*We, the undersigned, given permission to Malcolme E. Cork of moore Stephens Booth White, the Luquidator of Quickace Limited, the authority to sell the above-mentioned property on behalf of Quickace Limited and that any proceeds are to be for the benefit of Quickace Limited's creditors in accordance with the provisions of the Insolvency Act 1986."*.

[1] Fol. 7. Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet ittrasferiet lin-nutar li ppubblika l-att il-flus li jkopru l-prezz permezz ta' bank transfer li sar min-National Westminster Bank plc (fol 5).

Fil-5 ta' Frar 1999 kienet giet prezentata nota tal-eccezzjonijiet mill-kuraturi li ma kienux edotti mill-fatti[2].

Ghalkemm il-kuratur attwali ipprova jaghmel kuntatt mal-konvenuti billi baghatilhom ittra datata 20 ta' Marzu 2011 fl-indirizz li nsibu fl-atti, ma kellu l-ebda twegiba.

Ghalkemm din il-kawza ilha pendenti kwazi 14 il-sena, l-unici provi rilevanti li tressqu huma d-dokumenti annessi mac-citazzjoni. Il-ftit xhieda li tressqu matul is-snin, il-ftit li qalu mhu tal-ebda ghajnuna biex il-qorti tiddeciedi l-kaz. Ghalhekk il-qorti qeghda tibbaza d-decizjoni fuq dak li jirrizulta mid-dokumenti. L-ittra tal-11 ta' Jannar 1996 hi ammissjoni li l-konjugi Robinson kienu qeghdin izommu l-fond f'isimhom bhala fiducjarji ta' Quickace Limited. Fl-atti m'hemm l-ebda indizzju ta' x'seta' wassal lill-konvenuti biex ibieghu l-appartament, li huma stess ammettew li kien proprjeta ta' Quickace Limited. Fil-fatt m'hemmx prova li kienu nghataw xi ordni mill-beneficcjarja (Quickace Limited) biex ibieghu l-fond fl-interess taghha. Anzi l-unika prova li hemm hi li l-konjugi Robinson kienu ddikjaraw li l-istralcarju ta' Quickace Limited kellu l-awtorita li jbiegh il-fond ghan-nom tal-kumpannija u li d-dhul kien ghall-beneficcju taghha[3]. Ghalhekk kienu l-konjugi Robinson li kellhom igibu prova li kellhom jedd ibieghu l-fond. Haga li ma ghamlux.

Fic-cirkostanzi l-qorti tqies li t-talba tal-attur nomine hi gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u:-**

**1. Tiddikjara li s-somma ta' sebgha u tletin elf mitejn u disgha u sittin ewro u sebgha u disghajn centezmu (€37,269.97) prezz tal-bejgh tal-fond 2, fl-ewwel sular, Vanrie Court, Triq Barda, Marsalforn, Ghawdex kienet intitolata ghalih il-kumpannija**

[2] Fol. 28.
[3] Ara dikjarazzjoni a fol. 12 datata 11 ta' Jannar 1996.

**Quickace Limited, peress li l-fond inxtara mill-konjugi Robinson bhala fiducjarji tal-istess kumpannija.**
**2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ sebgha u tletin elf mitejn u disgha u sittin ewro u sebgha u disghajn centezmu (€37,269.97).**
**Spejjez a karigu tal-konvenuti u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-kuraturi debutati. Id-dritt tal-kuratur ghandu provizorjament jithallas mill-attur nomine**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------